**Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokari taż-Żebbuġ Għawdex Nru 64/2011**

**Il-Laqgħa ntalbet mill-Kunsillieri Joseph Camilleri u Victor Refalo.**

**Il-Laqgħa nżammet nhar it-Tlieta l-1 ta' Marzu 2011 fis-1:30pm fil-Bini tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ Għawdex.**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sur Carmelo Grima – A/Segretarju Eżekuttiv.**

**Is-Sur Harry Debono avża li ma jistax jattendi u kien skużat.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

**TALBA**

Il-Laqgħa bdiet bit-talba mis-Sindku.

**Aġenda:**
Iż-żewġ Kunsillieri Joe Camilleri u Victor Refalo talbu li s-suġġett tal-laqgħa jkun biex issir laqgħa pubblika dwar it-tisbiħ tal-Pjazza L-Assunta fiż-Żebbuġ, il-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Iż-żewġ Kunsilliera qalu li l-Kunsill kien iddeċieda aktar minn xahrejn ilu li għandha ssir laqgħa pubblika fuq il-Pjazza u din il-laqgħa ma saritx. Għalhekk huma ħassew ruħhom iddisgustati li ma kienux mistiedna għal spezjoni fuq il-post (fil-pjazza) mis-Sindku u s-segretarju flimkien mal-Perit Edward Scerri. Is-sindku rrisponda li meta marru fil-pjazza ma ġie deċiż xejn iżda kull ma għamlu kien li wrew lill-perit dwar il-fejn jaqleb l-ilma u l-katusa li hemm quddiem l-Għassa tal-Pulizija. In-nies staqsewh kif ġejja l-pjazza iżda rrispondihom li għadu mhu xejn deċiż u għad trid issir laqgħa pubblika li fiha jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom.

Is-Sur Joe Bajada qal li kienu approvati siġar taż-żebbuġ u ddikjara li hu qatt ma ra pjanta tal-pjazza. Fiċ-ċirkustanzi hu jaqbel li ssir laqgħa pubblika u għalhekk il-Kunsill huwa unanimu dwar din il-proposta.

Is-Sindku qabel maż-żewġ kunsilliera li ssir laqgħa pubblika u qal lis-segretarju biex jiffissa data u ħin għal din il-laqgħa pubblika.

Il-laqgħa ntemmet fis-2:00pm

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
*Sindku*

**Carmelo Grima**
*A/Segretarju Eżekuttiv*